

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-24 ta' Marzu 2011 — Pegler vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-386/06) ⁽¹⁾

("Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Imputabbiltà tal-agħir li jikkostitwixxi ksur — Multi — Effett dissważiv")

(2011/C 145/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Pegler Ltd (Doncaster, Ir-Renju Unit) (rappreżentant: R. Thompson, QC, u A. Collinson, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Nijenhuis u V. Bottka, aġenti, assistiti minn S. Kinsella u K. Daly, solicitors)

Suġġett

Talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 4180, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121 — Attrezzaturi), u, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fl-imsemmija deċiżjoni.

Dispożittiv

- (1) L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 4180, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121 — Attrezzaturi), huwa annullat inkwantu jikkonstata illi Pegler Ltd ipparteċipat fil-ksur matul il-periġodu mill-31 ta' Diċembru 1988 sad-29 ta' Ottubru 1993.
- (2) L-ammont tal-multa imposta in solidum fuq Pegler fl-Artikolu 2(h) tad-Deċiżjoni C(2006) 4180 huwa ta' EUR 3,4 miljun.
- (3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- (4) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 20, 27.1.2007.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-31 ta' Marzu 2011 — Il-Greċċa vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-214/07) ⁽¹⁾

("FAEGG — Taqsima 'Garanzija' — Spejjeż esklużi mill-finanzjament Komunitarju — Uċuh tar-raba' li tinħarat — Miziuri speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli favur il-gżejjjer minuri tal-Ēgew")

(2011/C 145/36)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: V. Kontolaimos u I. Chalkias, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappresentanti: H. Tserepa-Lacombe, aġent, assistit minn N. Korogiannakis, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/243/KE, tat-18 ta' April 2007, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju, ċerti spejjeż li saru mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), Taqsima "Garanzija" (ĠU L 106, p. 55).

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 199, 25.8.2007.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-31 ta' Marzu 2011 — L-Italja vs KESE

(Kawża T-117/08) ⁽¹⁾

("Sistema lingwistika — Avviż ta' pożizzjoni vakanti għar-reklu ta' Segretarju Ĝeneralni tal-KESE — Pubblikazzjoni bi tliet lingwi uffiċjali — Informazzjoni dwar l-avviż ta' pożizzjoni vakanti — Pubblikazzjoni bil-lingwi uffiċjali kollha — Rikors għall-annullament — Ammissibbiltà — Artikoli 12 KE u 290 KE — Artikolu 12 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg — Regolament Nru 1")

(2011/C 145/37)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: R. Adam, aġent, assistit minn P. Ġentili, avvocato dello Stato)